# Meta Tagħmel l-Ewwel Xita

Trevor Żahra

Kull meta mal-lejl tagħmel l-ewwel xita, u l-għada filgħodu s-sajf jippakkja t-*t-shirts* kollha fil-*haversack* u jaqta' biljett għal fuq il-*merrygoround*, il-Ferut jiftaħ it-tieqa beraħ u jimla l-pulmun bir-riħa friska tal-ħamrija mxarrba. Minnufih ħsiebu jtir lejn il-Maħbuba ta' snin ilu ... dik li llum wiċċha ċċajpar għal kollox u leħinha mtela textix ta' elettriċità statika ... imma li baqgħet tiġi żżuru kull sena, puntwalment ... malli tagħmel l-ewwel xita! Għax snin twal, twal ilu, dakinhar li Settembru ppakkja l-valiġġa, il-Ferut, li dik il-ħabta ma kienx ferut, kien ħa lill-Maħbuba fil-ġnien sigriet tagħhom, poġġew bilqiegħda fuq il-bank nieqi ta' taħt id-datura, u hemm qagħad imelles wiċċu mal-kardigan tagħha li libsitu b'omaġġ għall-ewwel xita. U ma' kull ċaqliqa tagħhom, id-datura ddoqqilhom it-trumbetti bil-qtar kristall ta' tmiem is-sajf. U għad li s-sħana kienet għadha ma battietx, qagħdu jitgeddsu flimkien bħallikieku kien l-eqqel ta' Jannar ... għax is-sema kien tqil bis-sħab roża, u l-lantana u l-bigonvilla kienu jleqqu bit-tberik ta' ewlillejl, u l-passiġġi tal-ġnien kienu sponża bl-għadajjar. U fuq kollox kien hemm dik ir-riħa verġni tal-ħamrija mxarrba. U waqt li kienu mitlufin fil-kardigan u fil-qtar tad-datura, il-bebbux tela' nkiss inkiss ma' riġlejha, poġġa ġo ħoġorha, u qagħad itawwal qrunu lejha ... u jistenna.

Is-sena ta' wara, meta għamlet l-ewwel xita, il-Ferut u l-Maħbuba daħlu l-Belt u qagħdu jduru l-ħwienet bla ma jixtru xejn. Qagħdu jħarsu lejn il-kartolini tal-Milied li kienu għadhom ma ħarġux, lejn il-presepji li kienu għadhom mingħajr

kartapesta, lejn is-siġar tal-Milied li kienu għadhom ippakkjati ġol-plastik u lejn il-pasturi li kienu għadhom ipnotizzati. U meta telqu lejn *Hastings* u sabu bank jixbah lil dak ta' taħt id-datura, reġgħu tgeddsu ġol-fwieħa tal-ħamrija mxarrab u ġol-irtuba tal-kardigan tagħha riħa ta' *Palmolive*.

Darba oħra, malli għamlet l-ewwel xita, kienu qagħdu jiksu l-pitazzi u l-kotba tat-tfal bil-plastik, iwaħħlulhom il-*labels*, jiktbulhom isimhom fuqhom bil-kalligrafija ta' dari, u jippakkjawlhom il-lapes mar-riga, u l-gomma mat-temprina, u l-lapsijiet tal-kulur mal-*biro* l-ġdida li tikteb bl-ilwien kollha tal-qawsalla. Imbagħad, meta x-xita reġgħet bdiet, qagħdu jgħidulhom l-istorja tal-ġgant stupidu li ntilef fil-bosk, u li biex sab triqtu lura kellu jqaċċat is-siġar kollha u l-masġar inbidel fi grawnd kbir tal-futbol. Is-sena ta' wara kienu għamlu flotta vapuri tal-karti u telquhom mal-wied taħt il-bankina, u l-Maħbuba kienet żelqet u għal ftit ma ġarrithiex il-ħamla, imma hu kien pront refagħha f'dirgħajh u waqt li għafasha miegħu reġgħet daħlet fi mnifsejh l-aroma tal-kardigan tagħha.

Kull sena baqgħet tasal l-ewwel xita ... u Settembru kull darba jirkeb il-*merrygoround* u jerħilha jdur żugraga. Sa fl-aħħar wasal iż-żmien li l-Ferut isir ferut tassew. Dik is-sena l-margeriti kienu fetħu kmieni u s-settembrini kienu kannestru lewlu bil-qtar ta' dmugħ bikri. U hu kien qagħad iħares lejha u lejn il-margeriti. It-tnejn bojod silġ. It-tnejn siktin. Imnifsejh fittxew għalxejn ir-riħa tal-*Palmolive*. Sabu biss riħa ta' ħamrija mxarrba. U sa fl-aħħar il-bebbux qata' xewqtu. Tala' f'pellegrinaġġ minn qaddha għal sidirha u warajh ħallielha ċ-ċarċir fiddien ta' bikja twila. Imbagħad daħal magħha fil-kaxxa u meta niżżluha fid-dlam qagħad itawwal qrunu lejha ... iħossha bla ma jaraha.

Kull meta s-sajf jippakkja t-*t-shirts* kollha fil-*haversack* u jaqta' biljett għal fuq il-*merrygoround*, il-Ferut jiftaħ it-tieqa beraħ u joqgħod hemm ... itawwal ħarstu lejn ix-xefaq imċajpar waqt li jimla l-pulmun bir-riħa mbierka u misħuta tal-ewwel xita.